32001R1265

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1265/2001

tas- 27 ta' Ġunju 2001

li jistabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/2001 rigward l-għoti tar-rifużjoni tal-produzzjoni fuq xi prodotti taz-zokkor użati fl-industrija tal-kimika

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/2001 tad-19 ta' Ġunju dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [1], u b' mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

(1) taħt l-Artiklu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 ġie deċiż li jingħataw rifu\jonijiet għall-protezzjoni fuq iz-zokkor, *isoglucose* mhux ipproċessat u xiroppi taz-zokkor koperti minn dak ir-Regolament u wkoll il-*fructose* kimikament pur (laevulose) li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1702 50 00 bħala prodott intermedju użat fl-manifattura ta' xi prodotti ta' l-industrija kimika.

(2) għandhom jitwaqqfu arranġamenti simili għal dawk għaz-zokkor l-abjad użat fl-industrija kimika għall-*isoglucose* mhux ipproċessat.

(3) Fejn prodotti intermedji definiti b' mod ċar jiġu, minn banda, akkwistati fil-Komunità direttament minn prodott bażiku li jeskludi kwalunkwe prodott kopert minn skema oħra ta' rifu\joni tal-produzzjoni u huma, mill-banda l-oħra, użati għall-manifattura ta' kimika elenkata fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, għandha ssir dispożizzjoni għall-possibbilità li tingħata rifu\joni tal-produzzjoni fuq dawk il-prodotti intermedji. Dik il-possibbilità għandha tgħodd ukoll fejn il-prodotti intermedji jintużaw fi Stat Membru minbarra dak li fih ġew immanifatturati. Għal dak l-iskop, għandu jiġi pprovdut, minn banda, li r-rifu\joni għall-produzzjoni għandha tingħata għall-prodott bażiku li serva għall-manifattura tal-kwantità ta' prodotti intermedji kif indikat fuq, u mill-banda l-oħra, li r-rifu\joni għandha tiġi ddeterminata bl-użu ta' l-istess koeffiċjent ta' għotja bħal dawk stabbiliti għall-kalkolazzjoni tar-rifu\jonijiet għall-esportazzjoni fuq l-istess prodotti intermedji.

(4) Applikazzjoni ta' l-arranġamenti għar-rifu\joni tal-produzzjoni teħtieġ li dawk il-prodotti jiġu ddefiniti u li tiġi implimentata sistema xierqa ta' verifika. Tali verifika, bħala approvazzjoni anterjuri, għandha tkopri kemm l-istadju ta' l-manifattura tal-prodott intermedju kif ukoll dak ta' l-ipproċessar għall-aħħar prodott kimiku, sabiex jiġi aċċertat li l-prodott bażiku kif definit attwalment jintuża fl-manifattura ta' prodott kimiku elenkat fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament u li jiġi evitat kwalunkwe ħlas doppju tar-rifu\joni tal-produzzjoni.

(5) Iz-zokkor jista' jintuża bħala prodott bażiku mill-industrija kimika fl-istess mod bħal prodotti ta' lamtu. Għalhekk għandu jiġi aċċertat żvilupp armonjuż għall-użu ta' dawn il-prodotti bażiċi. Għal dak l-iskop għandu jiġi pprovdut għall-applikazzjoni ta' sistema ta' rifu\joni tal-produzzjoni li tieħu kont ta' kemm il-prezz għaz-zokkor fis-suq Komuintarju kif ukoll iċ-ċaqliq tal-prezzijiet dinjin għaz-zokkor.

(6) L-arranġamenti li jgħoddu għall-prodotti taz-zokkor użat għall-manifattura ta' prodotti kimiċi huma maħsuba li jippromwovu, minn banda, l-iżvilupp ta' l-użu tal-prodotti taz-zokkor mill-industrija kimika u, mill-banda l-oħra, l-iżvilupp tal-bioteknoloġija a bażi ta' dawk il-prodotti bażiċi, billi l-prezzijiet jiġu lineati skond il-prezzijiet fis-suq dinji għaz-zokkor. B' dik il-perspettiva, is-sistema tipprovdi għal applikazzjoni progressiva fuq il-prinċijpju tat-twaqqif ta' rifu\jonijiet tal-produzzjoni b' riferenza għall-prezz dinji u l-prezz Komunitarju għaz-zokkor, b' ammont *standard* ta' EUR 6,45 għal kull 100 kilogramma miżjud mal-prezz dinji. L-ammont *standard* jikkorrispondi għall-ispejjeż biex tingieb 'il quddiem għall-esportazzjoni taz-zokkor Komunitarju, iżda element ta' rata fissa maħsuba b' mod partikolari sabiex jiġi evitat il-bejgħ taz-zokkor bi prezz iktar baxx mill-prezz tas-suq dinji, li di natura, mhuwiex stabbli. L-esperjenza akkwistata mill-operazzjoni ta' dawn l-arranġamenti turi l-ħtieġa għal, minn banda, t-tqegħid ta' l-industrija kimika Komunitarja li tuża l-prodotti taz-zokkor taħt kundizzjonijiet komparabbli ma' dawk validi għall- industrija kimika li takkwista l-provvisti tagħha mis-suq dinji taz-zokkor u, mill-banda l-oħra, li jinfetħu ħwienet mhux ta' l-ikel aktar għall-inustrija Komunitarja għall-produzzjoni ta' prodotti taz-zokkor. Għal dak l-għan, għandhom jinżammu l-arranġamenti, b' applikazzjoni sħiħa tar-riferenza esklussiva għas-swieq Komunitarji u dinjija għaz-zokkor.

(7) Iz-zokkor mhux ma]dum u xiroppi b' livell għoli ta' purità, ikkalkolata skond l-Artikolu 1(5) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1443/82 tat-8 ta' Ġunju 1982 li twaqqaf regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' kwota tas-settur taz-zokkor [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 39294 [3], għandhom jikkwalifikaw ukoll għar-rifuzjonijiet tal-produzzjoni jekk jintużaw fl-industrija kimika. Ir-rifu\joni tal-produzzjoni fuq dawk il-prodotti bażiċi għandha għalhekk tkun dik għaz-zokkor l-abjad aġġustat b' riferenza għall-kontenut ta' għotja jew sucrose kif xieraq. Sa fejn huwa kkonċernat l-*isoglucose*, għandhom jingħataw rifu\jonijiet tal-produzzjoni suġġetti għall-istess kundizzjonijiet bħar-rifu\jonijiet għall-esportazzjoni fuq dak il-prodott.

[1] Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

[2] ĠU L 158, tad-9.6.1982, p. 17.

[3] ĠU L 53, ta' l-24.2.1994, p. 7.

(8) Għandha ssir dispożizzjoni għar-rifu\joni tal-produzzjoni li għandha tiġi ffissata kull xahar ma', b' mod partikolari, termini ta' riferenza li għandhom jiġu definiti u reġistrazzjonijiet li jridu jsiru biex jiġi ddeterminat il-prezz taz-zokkor fis-suq dinji. Ladarba r-rifu\jonijiet jiġu ffissati kull xahar, it-termini ta' riferenza ta' xi xahar għandhom jiġu ffissati għal dak l-għan

(9) Minħabba li d-disponiment miż-żejjed taz-zokkor fuq is-swieq ta' pajjiżi mhux membri isir kważi kollu bil-proċedura ta' l-offerti, il-bażi biex issir id-definizzjoni tal-prezz taz-zokkor fis-suq dinji li għandha tintuża biex jiġi ffissat ir-rifu\joni tal-produzzjoni għandha tkun il-medja mkejla tar-rifu\jonijiet ta' esportazzjoni ffissata b' din il-proċedura ta' l-offerti matul it-terminu riferit in kwistjoni.

(10) Sabiex jitrażżan l-abbuż, għandha ssir dispożizzjoni biex tingħata r-rifu\joni tal-produzzjoni biss jekk huma eskluży l-użi oħrajn permezz ta' kontrolli. Jekk huma possibbli dawn il-kontrolli, għandha titħallas ir-rifu\joni tal-produzzjoni biss lill-proċessur u fuq applikazzjoni mingħand il-proċessur. Il-kontrolli jistgħu f' xi każijiet jiġu reżi aktar effettivi jekk jiġu akkumpanjati minn proċedura ta' approvazzjoni. L-Istat Membru li fuq it-territorji tiegħu isir l-ipproċessar għandu għalhekk ikun liberu li jiddeċidi jekk il-proċessuri għandhomx jakkwistaw tali approvazzjoni jew le.

(11) Ir-rifu\joni tal-produzzjoni ma tistgħax tingħata jekk mhix disponibbli informazzjoni preċiża. Il-persuni li jistgħu jikkwalifikaw għar-rifu\joni għandhom għalhekk jinħtieġu li jagħtu applikazzjoni qabel bil-miktub li tagħti xi informazzjoni.

(12) Ladarba l-prodotti fis-settur taz-zokkor huma perfettament skambjabbli mal-prodotti bażiċi fis-settur taċ-ċereali u r-ross, għandha tiġi evitata differenza li mhux xierqa fit-trattament. Għal dak l-iskop, għandhom jitwaqqfu dispożizzjonijiet għaz-zokkor simili għal dawk li jinsabu fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1722/93 tat-30 ta' Ġunju 1993 li jwaqqaf regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/82 u (KEE) Nru 1418/76 dwar ir-rifu\jonijiet tal-produzzjoni fis-setturi taċ-ċereali u tar-ross rispettivament [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 8719/99 [2], għar-rilaxx tal-garanzija. Dawk id-dispożizzjonijiet jippermettu li tiġi rrilaxxjata l-garanzija proporzjonalment mal-kwantitajiet li għalihom l-ipproċessar tal-prodott bażiku jkun sar matul it-terminu tal-validità taċ-ċertifikat tar-rifu\joni tal-produzzjoni.

(13) Għall-iskopijiet ta' prova u kontroll, għandu jiġi introdott ċertifikat ta' rifu\joni li huwa validu għal żmien li huwa twil biżżejjed biex jippermetti lill-kummerċ li jagħmel arranġamenti fit-tul u jagħti l-informazzjoni meħtieġa sabiex tiġi ffissat r-rifu\joni tal-produzzjoni. Sabiex jiġi aċċertat li z-zokkor ikkonċernat huwa użat għall-iskop li għalih inħareġ iċ-ċertifikat ta' rifu\joni, għandu jiġi pprovdut li l-applikant biss jista' jitlob iċ-ċertifikat u biss wara li l-produzzjoni bażika in kwistjoni ġiet ipproċessata.

(14) Ladarba, minn banda, il-ħlas finali tar-rifu\joni tal-produzzjoni jista' jsir biss wara li jkun sar l-ipproċessar u, mill-oħra, il-kummerċ għandu interess li jitħallas mill-aktar fis possibbli, għandha ssir dispożizzjoni sabiex tali pagament isir ftit wara l-ipproċessar.

(15) It-terminu tal-validità ta' ċertifikati tar-rifu\joni tal-produzzjoni huwa tali li jista' jkopri sa sitt xhur ta' ffissar tar-rifu\jonijiet tal-produzzjoni u tali ċertifikati għandhom jindikaw il-validità fid-data ta' l-irċevuta ta' l-applikazzjoni. Jista' għalhekk ikun hemm tibdil fil-prezz ta' intervent għaz-zokkor iffissat għall-kampijiet mingħajr *deficit* bejn id-data ta' l-irċevuta ta' l-applikazzjoni għal ċertifikat ta' rifu\joni u d-data ta' l-ipproċessar tal-prodott bażiku in kwistjoni. Billi r-rifu\joni tal-produzzjoni hija stabbilita a bażi tal-movimenti tal-prezz taz-zokkor Komunitarju u l-prezz taz-zokkor dinji, għandha titwaqqaf regola biex tiġi aġġustata r-rifu\joni msemmija biex jittieħed kont ta' kwalunkwe tibdil fil-prezz ta' intervent iffissat f' ewro għaz-zokkor bejn id-data ta' l-irċevuta ta' l-applikazzjoni u d-data ta' l-ipproċessar tal-prodott bażiku in kwistjoni.

(16) Sabiex ikun possibbli li jiġi vverifikat li l-prodotti bażiċi jintużaw kif maħsub, korp kompetenti li għandu aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa għandu jitwaqqaf f' kull Stat Membru. Sabiex jitħassru l-effetti tad-dewmien tal-ħlas tar-rifu\joni, għandha ssir dispożizzjoni biex jitħallas avvanz lill-pussessur ta' ċertifikat malli l-prodotti bażi jitqiegħdu taħt kontroll u l-pussessur għandu jintalab li jagħti garanzija lill-Istat Membri jekk il-proċessar tal-prodott bażiku ma jsirx skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fiċ-ċertifikat ta' rifu\joni. Iżda l-Istat Membru kkonċernat għandu jkun liberu li jiddeċiedi dwar miżuri xierqa biex jiħdu ħsieb każijiet ta' *force majeure* li jipprevjenu lill-pussessuri taċ-ċertifikati milli jwettqu l-obbligi tagħhom.

[1] ĠU L 159, ta' l-1.7.1993, p. 112.
[2] ĠU L 9, tal-15.1.1999, p. 8.

(17) L-esperjenza akkwistata minn mindu ġew implimentati l-arranġamenti l-ġodda dwar ir-rifu\joni tal-produzzjoni fl-1 ta' Lulju 1986, u aktar b' mod partikolari minn mindu ġew emendati mill-1 ta' Lulju 1990, turi l-ħtieġa li jiġi aċċertat li l-arranġamenti jiġu applikati b' mod aktar effettiv, b' mod partikolari fl-istadju ta' l-applikazzjoni għar-rifu\joni tal-produzzjoni. Għal dak l-iskop il-grad li fih il-parti interessata tiqies li ssodisfat ir-rekwiżit primarju li jipproċessa l-prodott bażiku jew intermedju għandu jitwessa' biex jittieħed kont tal-kostrizzjonijiet tekniċi ta' l-ipproċessar, b' mod partikolari fil-każ ta' proċessi ta' fermentazzjoni fejn l-għotja tvarja ħafna skond ir-reazzjonijiet tal-mikro-organiżmi. Għandha titwaqqaf ukoll tolleranza massima għal każijiet fejn, meta l-proċess mar ħażin u l-proċessur irid juża aktar prodott bażiku minn dak oriġinarjament mistenni, jista' jagħmel dan mingħajr ma jkollu għalfejn jagħmel fajl speċjali sabiex jikkwalifika għar-rifu\joni tal-produzzjoni għall-kwantità addizzjonali hekk ipproċessata.

(18) Ir-regoli ta' applikazzjoni stabbiliti minn dan ir-Regolament jissostitwixxu dawk tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1729/78 ta' l-24 ta' Lulju 1978 li jwaqqaf ir-regoli dettaljati ta' applikazzjoni in rigward għar-rifu\joni tal-produzzjoni għaz-zokkor fl-industrija kimika [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1148/98 [2], li għalhekk għandu jitħassar.

(19) Il-miżuri pprovduti f' dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Kumitat għaz-Zokkor,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, 'prodotti bażiċi' tfisser:

(a) prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 u

(b) xiroppi taz-zokkor imsemija fl-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 u li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 1702 60 95 u ex 1702 90 99 li għandhom purità ta' għall-inqas 85 %,

użati fil-manifattura tal-prodotti ta' l-industrija kimika elenkati fl-Anness I.

2. Prodotti intermedji elenkati fl-Anness II li, minn banda, jiġu akkwistati fil-Komunità direttament mill-prodotti bażiċi msemmija fuq, minbarra prodotti koperti minn xi sistema oħra ta' rifu\joni tal-produzzjoni u li, mill-oħra, jintużaw għall-manifattura ta' prodotti kimiċi elenkati fl-Anness I għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħal dawk il-prodotti bażiċi.

3. Il-*fructose* kimikament pur (laevulose) li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1702 50 00 għandu, bħala prodott intermedju, jitqies wieħed mill-prodotti bażiċi jekk, minn banda jiġi akkwistat fil-Komunità direttament mill-prodotti bażiċi msemmija, minbarra minn kwalunkwe prodott kopert minn xi rifu\joni tal-produzzjoni ieħor, u mill-oħra, jintuża għall-ipproċessar għal wieħed mill-prodotti kimiċi elenkati fl-Anness I.

Artikolu 2

1. Ir-rifu\joni tal-produzzjoni għandha tingħata mill-Istati Membri li fit-territorju tagħhom isir l-ipproċessar tal-prodotti bażiċi.

2. L-Istat Membri jista' jagħti rifu\joni biss jekk il-kontroll tad-dwana, jew l-ispezzjoni amministrativa li tagħt garanziji ekwivalenti, taċċerta li l-prodotti bażiċi jintużaw għall-iskop speċifikat fl-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 3.

Artikolu 3

1. Ir- rifu\joni tal-produzzjoni għandha tingħata biss lil proċessuri li jagħtu garanzija li l-kontroll ipprovdut fl-Artikolu 2(2) jista' jitwettaq fi kwalunkwe ħin u li ssottomettew applikazzjoni li tispeċifika l-prodott kimiku fil-manifatturar li tiegħu għandu jintuża l-prodott bażiku.

2. L-Istat Membru kkonċernat jista' jitlob għar-rifużjoni bla ħsara għall-approvazzjoni minn qabel tal-pro'essuri msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 4

L-ammont tar- rifu\joni tal-produzzjoni għal kull 100 kilogramma ta' zokkor abjad għandu jiġi ffissat b' kont meħud tal-prezz tas-suq dinji għaz-zokkor l-abjad, u wkoll ammont *standard* ta' EUR 6.45 għal kull 100 kilogramma ta' zokkor abjad u l-prezz Komunitarju taz-zokkor.

Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu:

(a) prezz tas-suq dinji għaz-zokkor: il-prezz taz-zokkor tal-Komunità bi tnaqqis tar-rifu\jonijiet ta' l-esportazzjoni għaz-zokkor l-abjad irreġistrati matul il-perjodu ta' riferenza in kwistjoni, imsemmija fl-Artikolu 9(2), wara tnaqqis ta' ammont *standard* ta' EUR 6.45 għal kull 100 kilogramma;

(b) prezz taz-zokkor tal-Komunità: il-prezz ta' imtervent għaz-zokkor l-abjad

Artikolu 5

L-ammont tar-rifu\joni tal-produzzjoni mogħtija għal kull 100 kilogramma ta' zokkor mhux ma]dum għandu jkun daqs wieħed fil-mija ta' l-ammont applikabbli fuq l-użu taz-zokkor l-abjad immoltiplikat bl-għotja taz-zokkor mhux ma]dum użat, liema għotja għandha tiġi ddeterminata skond il-Punt II ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001.

[1] ĠU L 201, tal-25.7.1978, p. 26.
[2] ĠU L 159, tat-3.6.1998, p. 38.

Artikolu 6

L-ammont tar-rifu\joni tal-produzzjoni mogħti għal kull 100 kilogramma ta' xiroppi taz-zokkor għandu jkun daqs wieħed fil-mija ta' l-ammont applikabbli għall-użu taz-zokkor l-abjad, immoltiplikat:

(a) bil-kontenut ta' *sucrose* fix-xiropp użat, fejn il-purità ta' dan ta' l-aħħar mhijiex inqas minn 98 %; jew

(b) bil-kontenut ta' zokkor li jista' jiġi estratt fix-xiropp użat, iddeterminat skond it-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 1(5) tar-Regolament (KEE) Nru 1443/82, fejn il- purità tax-xiropp mhijiex inqas minn 85 % iżda inqas minn 98 %.

Artikolu 7

L-ammont tar-rifu\joni tal-produzzjoni għal kull 100 kilogramma ta' materja niexfa tal-prodott bażiku msemmi fl-Artikolu 1(1)(0) tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 għandu jkun daqs l-amonnt tar-rifu\joni tal-produzzjoni li tgħodd għall-użu taz-zokkor l-abjad.

Ir-rifu\joni tal-produzzjoni għandha tingħata biss jekk il-prodott:

(a) ġie akkwistat b' *isomerisation* tal-*glucose*;

(b) għandu kontenut b' piż fi stat niexef ta' mhux inqas minn 41 % *fructose*; u

(ċ) il-kontenut totali bil-piż fi stat niexef ta' *polysaccharides* u *oligosaccharides*, inkuż kontenut ta' *di-* jew *trisaccharides* mhuwiex aktar minn 8,5 %.

Artikolu 8

L-ammont tar-rifu\joni tal-produzzjoni għal kull 100 kilogramma ta' *laevulose* użat, espress bħala materja niexfa, għandu jkun daqs l-amonnt tar-rifu\joni tal-produzzjoni li jgħodd għal 100 koilogramma zokkor abjad fil-jum meta tiġi rċevuta l-applikazzjoni għal rifu\joni tal-produzzjoni.

Artikolu 9

1. Ir-rifu\joni tal-produzzjoni fuq zokkor abjad għandha tiġi ffissata kull xahar għal termini li jibdew mill-bidu ta' kull xahar.

2. Biex tiġi ffissata r-rifu\joni tal-produzzjoni kif ipprovdut fil-paragrafu 1, it-terminu ta' referenza għar-reġistrazzjoni tar-rifu\jonijiet għall-esportazzjoni fuq zokkor abjad bħala bażi għad-determinazzjoni tal-prezz tas-suq dinji għaz-zokkor kif imsemmi fl-Artikolu 4(2)(a) għandu jkun it-terminu li jibda mis-16-il jum tax-xahar qabel kull xahar li jipprečedi kull waħda mid-dati msemmija fil-paragrafu 1 u jispiċċa fil-15-il jum tax-xahar immedjatament qabel id-data in kwistjoni.

3. Rigward il-prezz tas-suq dinji għaz-zokkor, il-medja msemmija fl-Artikolu 4(a) għandha tkun il-medja mkejla tar-rifu\jonijiet għall-esportazzjoni fuq zokkor abjad iffissata bi proċedura ta' offerti matul it-terminu referent in kwistjoni kif definit fil-paragrafu 2.

4. L-ammont tar-rifu\joni tal-produzzjoni għal kull 100 kilogramma ta' zokkor abjad matul kull wieħed mix-xhur imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun daqs id-differenza bejn il-prezz għaz-zokkor Komunitarju li jgħodd matul ix-xahar li għalih jiġi ffissat ir-rifu\joni u l-prezz tas-suq dinji taz-zokkor iddeterminat għat-terminu referent in kwistjoni.

5. Jekk il-prezzijiet tas-swieq Komunitarju u dinji għaz-zokkor jinbidlu b' mod sinjifikanti matul iż-żmien imsemmi fil-paragrafu 1, ir-rifu\joni maħduma skond il-paragrafi 2, 3 u tjista' tiġi aġġustata biex jittieħed kont ta' tali tibdil.

Artikolu 10

1. Applikazzjoni għal rifu\joni tal-produzzjoni għandha ssir bil-miktub lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru fejn għandu jiġi pproċessat il-prodott bażiku.

L-applikazzjoni għandha tgħid:

(a) l-isem/l-istil u l-indirizz tal-proċessur;

(b) in-natura u l-kwantità tal-prodott bażiku li għandu jiġi pproċessat espress f' termini ta' zokkor abjad jew, fil-każ ta' *isoglucose*, f' termini ta' piż niexef;

(ċ) l-intestatura tat-tariffa u d-deskrizzjoni tal-prodott kimiku li għall-manifattura tiegħu għandu jintuża l-prodott bażiku;

(d) il-post ta' l-ipproċessar.

2. Meta applikazzjoni għal ċertifikat tar-rifu\joni tal-produzzjoni li tkun saret mill-proċessur tikkonċerna prodott intermedju:

(a) għandha tispeċifika, minbarra l-informazzjoni meħtieġa taħt il-paragrafu 1:

— in-natura u l-kwantità tal-prodott bażiku li mar fil-manifattura tal-prodott intermedju,

— isem jew l-isem korporat u l-indirizz tal-manifattur tal-prodott intermedju,

— il-post tal-manifattura tal- prodott intermedju, u

(b) għandu jiġi akkumpanjat, bla ħsara għat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3:

— minn dokument oriġinali maħruġ lill-manifattur tal-prodott intermedju, fuq talba tiegħu, mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu il-manifattura tal-prodott intermedju tkun saret, li jiċċertifika li l-prodott intermedju ġie mmanifatturat direttament u esklussivament minn prodott bażiku, jew

— minn dikjarazzjoni tal-proċessur li fija hu jintrabat li jagħti d-dokument imsemmi fl-ewwel inċiż qabel għeluq it-terminu tal-validità taċ-ċertifikat ta' rifu\joni li għalih saret l-applikazzjoni

Id-dokument imsemmi taħt (b) ta' l-ewwel subparagrafuu għandu juri għall-inqas:

(a) in-natura u l-kwantità tal-prodott bażiku li mar fil-manifattura tal-prodott intermedju in kwistjoni;

(b) in-natura u l-kwantita' tal-prodott intermedju in kwistjoni;

(ċ) l-isem jew l-isem korporat u l-indirizz tal-manifattur tal-prodott intermedju;

(d) il-post tal-manifattura tal-prodott intermedju.

Għall-ħruġ tad-dokument imsemmi taħt (b) ta' l-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru jista' jipprovdi għal kundizzjonijiet li huma supplimentari għal dawk imsemmija taħt it-tieni subparagrafu u tal-paragrafu 1.

3. Għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni tal-paragrafu 2:

(a) il-ħruġ tad-dokument imsemmi taħt (b) ta' l-ewwel subparagrafu u tal-paragrafu 2 għandu jkun kondizzjonali fuq l-għotja ta' approvazzjoni qabel il-manifattura tal-prodott intermedju mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ser jiġi mmanifatturat il-prodott;

(b) l-intitolazzjoni g]ar-rifu\joni tal-produzzjoni g]andha tkun kondizzjonata fuq l-g]oti ta' l-approvazzjoni minn qabel lill-proċaaur mill-Istat Membru li fit-territorju tieg]u l-imsemmi proċssur se jipproċssa l-prodott intermedju kimiku msemmi fl-Anness I.

L-approvazzjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu għandhom jingħataw mill-Istat Membru in kwistjoni jekk l-applikant jagħtih kull opportunità li jwettaq il-verifiki meħtieġa.

4. L-Istati Membri jistgħu jitolbu informazzjoni ulterjuri

Artikolu 11

1. Applikazzjonijiet għal ċertifikati ta' rifu\joni għandhom jiġu akkumpanjati b' garanzija li fuqha għandu jkun kondizzjonali l-ħruġ taċ-ċertifikat ta' rifu\joni msemmi fl-Artikolu 12.

2. L-ammont tal-garanzija għandu jkun EUR 3,78 għal kull 100 kilogramma zokkor espressa bħala zokkor abjad, jew, fil-każ ta' *isoglucose*, għal kull 100 kilogramma piż niexef.

Fejn huwa kkonċernat prodott intermedju, il-garanzija għal kull 100 kilogramma tal-prodott għandha tkun daqs l-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu mmoltiplikat bil-koeffiċjenti speċifikat fl-Anness II għall-prodott intermedju in kwistjoni, il-koeffiċjenti aġġustat, skond il-każ, skond il-kontentut ta' materja niexfa bl-applikazzjoni, *mutatis mutandis,* tal-formula li tikkorrespondi għall-koeffiċjenti pprovduta fl-Anness II.

3. Ir-rekwiżit ewlieni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 [1] għandu jiġi ssodissfatt għall-garanzija msemmija fil-paragrafu 2 li għandha tiġi rrilaxxjata għandha tkun:

(a) fil-każ ta' prodott intermedju, li d-dokument imsemmi taħt (b) ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 10(2) ġie sottomess mill-proċessur u li l-kwantità tal-prodott intermedju ddikjarata fl-applikazzjoni ġiet ipproċessata f' prodott kimiku elenkat fl-Anness I fit-terminu tal-validità taċ-ċertifikat tar-rifu\joni in kwistjoni, jew

(b) f' każijiet oħrajn, li l-kwantità tal-prodott bażiku speċifikat fl-applikazzjoni ġiet ipproċessata fi prodott kimiku elenkat fl-Anness I fit-terminu tal-validità taċ-ċertifikat ta' rifu\joni in kwistjoni

Iżda rigward ir-rekwiżit primarju għall-ipproċessar, jekk il-persuna kkonċernata, fit-terminu tal-validità taċ-ċertifikat ta' rifu\joni, ipproċessat mhux inqas minn 90 % tal-kwantità tal-prodott bażiku jew mill-kwantità tal-prodott intermedju indikat fl-applikazzjoni, għandu jitqies li kkonforma mar-rekwiżit ewlieni indikat taħt (a) jew (b) ta' l-ewwel subparagrafu

4. L-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 rigward ir-rilaxx tal-garanzija għandha tkun suġġetta għad-dispożizzjonijiet li jirrelataw għall-*force majeure* u għat-Titolu V tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85.

Artikolu 12

1. L-Istati Membri għandhom joħorġu ċertifikati ta' rifu\joni fuq applikazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jużaw formoli nazzjonali għal ċertifikati ta' rifu\joni li, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' Regolamenti, Direttivi jew Deċiżjonijiet oħrajn adottati minn istituzzjonijiet Komunitarji, ikun fihom għall-inqas l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 3.

Fejn ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 1 jikkonċerna prodott intermedju, għandu jindika, minbarra l-informazzjoni meħtieġa taħt il-paragrafu 3(a), (b), (d), (e), u (f), id-dettalji li jinsabu fl-applikazzjoni taċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 10(2).

3. Iċ-ċertifikat ta' rifu\joni għandu jindika:

(a) isem u indirizz tal-pussessur;

(b) id-data ta' l-irċevuta ta' l-applikazzjoni;

(ċ) in-natura u l-kwantità tal-prodott bażiku li ser jiġi pproċessat, espress f' termini ta' zokkor abjad jew, fil-każ ta' *isoglucose*, f' termini ta' piż niexef.

(d) l-użu li se jsir mill-prodott bażiku;

(e) ir-rifu\joni tal-produzzjoni għaz-zokkor l-abjad applikabbli fid-data ta' l-irċevuta ta' l-applikazzjoni;

(f) l-aħħar data tal-validità taċ-ċertifikat;

(g) il-post tal-proċessar.

Artikolu 13

Għall-iskopijiet tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 10(1) u l-Artikolu 12(3):

(a) dawn jitqiesu bħala l-istess prodott bażiku wieħed:

(i) zokkor abjad li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701 99 10; zokkor li fih togħma jew kulur miżjud li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701 91 00; zokkor li fih sustanzi oħrajn miżjuda li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701 99 90 u xiroppi tas-*sucrose* li fihom purità ta' 85 % jew aktar li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1702 60 95 and 1702 90 99;

[1] ĠU L 205, tat-3.8.1985, p. 5.

(ii) zokkor mhux ma]dum li jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 1701 11 u 1701 12;

(iii) *isoglucose* li jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 1702 40 10, 1702 60 10 u 1702 90 30;

(iv) prodotti intermedji msemmija fl-Artikolu 2;

(b) l-indikazzjoni ta' l-użu tal-prodott bażiku tista' fuq applikazzjoni u bi qbil ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat, tikkonsisti biss fil-kapitolu tan-Nomenklatura Mag]qudaa li fiha jaqa' jew jaqgħu l-prodott kimiku jew kimiċi li għandhom jiġu mmanifatturati.

Artikolu 14

1. Il-ħruġ ta' ċertifikat ta' rifu\joni għandu jintitola għall-ħlas tar-rifu\joni tal-produzzjoni indikat fiċ-ċertifikat:

(a) f' każ ta' prodott intermedju, fejn id-dokument imsemmi taħt (b) ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 10(2) jingħata fit-terminu preskritt u wara li l-prodott intermedju ġie pproċessat skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fiċ-ċertifikat tar-rifu\joni;

(b) f' każijiet oħrajn, wara li l-prodott bażiku ġie pproċessat skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fiċ-ċertifikat tar-rifu\joni;.

fejn il-kwantità ta' prodott bażiku jew intermedju pproċessat jeċċedi l-kwantità indikata fiċ-ċertifikat ta' rifu\joni, il-kwantità addizzjonali titqies, sa limitu ta' 5 %, li tkun ġiet ipproċessata taħt iċ-ċertifikat b' intitolament għall-ħlas tar-rifu\joni tal-produzzjoni indikata fih.

2. Id-drittjiet taħt ċ-ċertifikat m' humiex trasferibbli.

Artikolu 15

Iċ-ċertifikat ta' rifu\joni huwa validu mid-data ta' l-irċevuta ta' l-applikazzjoni sa l-aħħar tal-ħames xahar wara x-xahar li fih ġiet mwassla l-applikazzjoni għar-rifu\joni tal-produzzjoni.

Artikolu 16

1. Jekk, matul it-terminu bejn id-data ta' l-irċevuta ta' l-applikazzjoni għar-rifu\joni tal-produzzjoni u d-data ta' l-ipproċessar tal-prodott bażiku hemm tibdil fil-prezz interventiv għaz-zokkor l-abjad iffissat f' ewro għall-kampijiet mhux bid-*deficit*, ir-rifu\joni tal-produzzjoni in kwistjoni għandha tiġi aġġustata għall-kwantitajiet tal-prodott bażiku ipproċessat mill-ħin ta' tali bidla.

2. Għall-iskopijiet ta' applikazzjoni ta' l-aġġustament imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li joħroġ iċ-ċertifikat ta' rifu\joni in kwistjoni għandha \żid maċ-ċertifikat fil-ħin tal-ħruġ 'għandu jiġi aġġustat skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1260/2001 għall-operazzjonijiet ta'l-ipproċessar imwettqa mid-data ta' l-applikazzjoni tal-prezz ġdid ta' l-intervent in kwistjoni'.

L-aġġustament għandu jsir meta jitħallas ir-rifu\joni tal-produzzjoni in kwistjoni.

3. Fejn il-prodott bażiku huwa zokkor abjad, l-aġġustament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi akkwistat biż-żieda jew tnaqqis tar-rifu\joni tal-produzzjoni, kif xieraq, bid-differenza, espressa f' ewro għal kull 100 kilogramma zokkor, bejn il-prezz ta' intervent għall-kampijiet mhux bid-*deficit* applikabbli fid-data ta' l-irċevuta taċ-ċertifikat ta' l-applikazzjoni u l-prezz korrespondenti applikabbli fid-data ta' l-ipproċessar tal-prodott bażiku in kwistjoni.

4. Meta l-prodott bażiku huwa zokkor mhux ma]dum ta' kwalità *standard*, l-aġġustament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi akkwistat biż-żieda jew tnaqqis tar-rifu\joni tal-produzzjoni, kif xieraq bid-differenza, espressa f' ewro għal kull 100 kilogramma zokkor, bejn il-prezz ta' intervent għaz-zokkor mhux ma]dum applikabbli fid-data ta' l-irċevuta taċ-ċertifikat ta' l-applikazzjoni u l-prezz korrespondenti applikabbli fid-data ta' l-ipproċessar tal-prodott bażiku in kwistjoni.

5. Jekk l-għotja ta' zokkor mhux ma]dum huija differenti minn dik tad-definizzjoni ta' kwalità *standard* imsemmija fil-punt II ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) 1260/2001, l-ammont tar-rifu\joni, aġġustat skond il-paragrafu 4, għandu jiġi adattat għall-ħlas bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1423/95 ([1]).

6. Fejn prodott bażiku huwa xiropp tas-*sucrose*, l-aġġustament għandu jiġi stabbilit skond il-paragrafu 4 u l-Artikolu 6.

7. Fejn il-prodott bażiku huwa *isoglucose*, l-aġġustament għandu jiġi stabbilit skond il-paragrafu 4 u japplika għal kull 100 kilogramma materja niexfa tal-prodott in kwistjoni.

Artikolu 17

1. L-Istati Membri għandhom jindikaw l-awtoritajiet responsabbli għall-kontroll ta' l-ipproċessar tal-prodotti bażiċi.

2. Il-pussessur ta' ċertifikat ta' rifu\joni għandu jagħti lill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 l-infomrazzjoni segwenti bil-miktub f' ħin biżżejjed biex ikunu jistgħu jeffettwaw il-kontroll:

(a) ismu u l-indirizz tiegħu

(b) in-natura u l-kwantità tal-prodotti bażiċi li għandhom jiġu pproċessati;

(ċ) il-post fejn il-prodotti bażiċi in kwistjoni huma lokati meta tingħata l-informazzjoni.

L-Istati Membri jistgħu jitolbu informazzjoni ulterjuri.

([1]) ĠU L 141, ta' l-24.6.1995, p. 16.

Artikolu 18

Meta l-prodotti bażiċi jitqiegħdu taħt kontroll, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu ħlas bil-quddiem lill-pussessur taċ-ċertifikat ta' rifu\joni li jammonta għal mhux aktar minn 80 % tar-rifu\joni tal-produzzjoni indikata fiċ-ċertifikat.

Artikolu 19

1. Jekk isir ħlas bil-quddiem, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu garanzija jew garanzija ekwivalenti magħrufa maħduma li taċċerta l-ħlas lura tal-ħlas bil-quddiem b' żieda ta' 5 %.

2. Il-garanzija għandha tiġi rrilaxxjata ladarba l-ipproċessar ikun sar skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fiċ-ċertifikat ta' rifu\joni jew meta jitħallas lura l-ħlas bil-quddiem biż-żieda ta' 5 %.

3. Bla ħsara għall-paragrafu 4, il-ħlas lura msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun proporzjonat għall-kwantitajiet tal-prodotti bażiċi li ma ġewx ipproċessati taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fiċ-ċertifikat ta' rifu\joni.

Jekk ma jitħallasx il-ħlas bil-quddiem, il-garanzija tiġi mitlufa fi proporzjoni għall-ammont tal-ħlas bil-quddiem li għandu jiġi rikoverat.

4. Jekk l-ipproċessar ma jistax jitwettaq taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fiċ-ċertifikat ta' rifu\joni minħabba ċ-ċirkostanzi li jistgħu jiqiesu li jikkostitwixxu *force majeure*, u jekk applikazzjoni ssir li tali ċirkostanzi jitqiesu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu tali passi li jqis meħtieġa in rigward għaċ-ċirkostanzi invokati.

Artikolu 20

Wara li l-parti kkonċernata tkun infurmat l-awtorità kompetenti tal-prodott kimiku li fil-manifattura tiegħu ikun intuża z-zokkor, ir-rifu\joni tal-produzzjoni, jew fejn ikun tħallas xi ħlas bil-quddiem id-differenza bejn l-ammont imħallas minn quddiem u l-ammont tar-rifu\joni tal-produzzjoni għandha titħallas:

(a) mhux qabel ma jkun stabbilit li l-prodotti jkunu ġew ipproċessati taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fiċ-ċertifikat ta' rifu\joni;

(b) mhux wara tmiem ix-xahar wara x-xahar li fih ikun ġie stabbilit li tlesta l-ipproċessar.

Artikolu 21

Ir-rifu\joni tal-produzzjoni għandha titħallas għall-kwantità tal-prodott bażiku jew intermedju ipproċessat fil-limitu msemmi fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 14(1).

L-ammont tar-rifu\joni tal-produzzjoni mogħti għal kull 100 kilogramma ta' prodott intermedju użat għandu jkun daqs ir-rifu\joni tal-produzzjoni li tgħodd għal kull 100 kilogramma zokkor abjad fil-jum li fih l-applikazzjoni tkun ġiet irċevuta mmultiplikata bil-koeffiċjent iffissat fl-Anness II għall-prodott intermedju in kwistjoni, u l-koeffiċjenti jiġi aġġustat fejn xieraq skond il-kontenut ta' materja niexfa bl-applikazzjoni tal-formula li tikkorrespondi għall-koeffiċjenti pprovdut fl-Anness II.

Artikolu 22

Ir-Regolament (KEE) Nru 1729/78 għandu jitħassar.

Iżda r-Regolament (KEE) Nru 1729/78 għandu jibqa' jgħodd għall-operazzjonijiet ta' l-ipproċessar dwar liema applikazzjonijiet għar-rifu\joni tal-produzzjoni jkunu ġew sottomessi qabel id-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 23

Dan ir-Regolament g]andu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2001.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tieg]u u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Ġunju 2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
1302 31 00	– – Agar-agar
1302 32	– – Mucilaġi u aġenti li jsemmnu, immodifikati jew le, derivati minn, żerriegħa tal- jewżerriegħa tal-guar:
1302 32 10	– – – Ta' *locust beans* jew żerriegħa tal-*locust* bean
1302 32 90	– – – Ta' żerriegħa tal-guar
1302 39 00	– – Oħrajn
1702 90 10	– – Maltose kimikament pur
ex 2520	Gypsum; anhydrite; plasters, kuluriti jew le, b' kwantitajiet żgħar ta' aċċeleraturi jewretarders jew le:
2520 20	– Plasters
ex 2839	Silikati: silikati tal-metall alkali kummerċjali:
2839 90 00	– Oħrajn
Kapitlu 29	Prodotti kimiċi organiċi minbarra s-subintestaturi 2905 43 00 u 2905 44
Kapitlu 30	Prodotti farmaċewtiċi
3203 00 90	Materji li jagħtu kulur li joriġinaw mill-ħaxix jew l-annimali u preparamenti tagħhom
ex 3204	– Materji lijtagħti kulur sintetika, materji li jagħti kulur organika u preparamenti bbażati fuq dawn kif speċifikati fin-nota 3 għal dan il-kapitolu.
3307	Preparamenti pre-*shave*, *shaving* jew *after-shave*, deodoranti personali, preparamenti għall-banju, depilatorji u preparamenti oħrajn ta' fwejjaħ, kożmetiċi jew tat-twaletta, mhux speċifikat jew inklużi band' oħra, deodorizzanti għall-kmamar ippreparati, kemm jekk imfewħa jew aktar, u bi proprjetajiet diżinfettant jew le:
	– Preparazzjonijiet għall-fwieħa jew deodoriżżar tal-kmamar, inklużi preparamenti odoriferuži użati matul riti reliġjuži:
3307 49 00	– – Oħrajn
3307 90 00	– Oħrajn
ex 3401	Prodotti u preparamenti ta' sapun jew organiċiu attivi mal-wiċċ, fil-forma ta' *bars*, *cakes*, biċċiet jew forom iffurmati, u karti, *wadding*, pannu u materjali mhux minsuġa, imprenjati, miksija jew mgħottija b' sapun jew deterġenti:
3401 19 00	– Oħrajn
3402	Aġenti organiċi attivi mal-wiċċ (minbarra sapun), preparamenti attivi mal-wiċċ; preparamenti tal-ħasil (inklużi preparamenti tal-ħasil awżiljarji) u preparamenti tat-tindif, kemm jekk fihom sapun jew le, minbarra dawk taħt l-intestatura Nru 3401
3403	Preparament ta' lubrikazzjoni (inklużi preparamenti ta' żejt tal-qtugħ, tar-rilaxxjar ta' bodijiet jew skorfini, preparamenti kontra s-sadid jew il-korrożjoni u tat-tneħħija tal-moffa, ibbażati fuq lubrikanti) u preparamenti ta' tip użat għat-trattament biż-żejt jew bil-*grease* ta' materjali tessili, ġilda, ġilda bil-pil jew materjali oħrajn, iżda minbarra preparamenti li fihom, bħala kontenut bażiku, 70 % jew aktar bil-piż ta' żjut tal-*petroleum* jew ta' żjut akkwistati minn minerali bituminużi:
	– Li fihom żjut tal-*petroleum* jew ta' żjut akkwistati minn minerali bituminużi:
3403 19	– – Oħrajn
3403 19 10	– Li fihom 70 jew aktar bil-piż ta' żjut tal-*petroleum* jew ta' żjut akkwistati minn minerali bituminużi iżda mhux bħala l-kostitwent bażiku
3405	*Polishes* u kremi, għaż-żraben, għamara, artijiet, xogħol tal-kowċijiet, ħġieġ jew metall, pasti u trabijiet tal-għorik u preparamenti simili (kemm jekk fil-forma ta' karti, *wadding*, pannu, materjali mhux misnuġa, plastiċi ċellulari jew gomma ċellulari, imprenjati, miksija jew mgħottija b' tali preparamenti), minbarra xamgħa taħt l-intestatura Nru 3404

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
3407 00 00	Pasti tal-mudellar, inklużi dawk għad-divertiment tat-tfal; preparamenti magħrufa bħala "xemgħa dentali" jew "komposti ta' impressjonijiet dentali", li jsiru f' settijiet, f' pakketti għall-bejgħ bl-imnut jew f' pjanì, forom ta' nagħal, lasti jew forom oħrajn, preparamenti oħrajn għall-użu mid-dentisti, b' bażi ta' plaster.
ex Kapitlu 35	Sustanzi albuminoidali; lamti mmodifikati, adeżivi, en\imi, minbarra prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 3501 u subintestaturi 3505 10 10, 3505 10 90 u 3505 20
ex Kapitlu 38	Prodotti kimiċi mixxellanji minbarra dawk li jaqgħu taħt is-sub-intestaturi 3809 10, 3809 91 00,3809 92 00, 3809 93 00 u ex 3824 60ex
Kapitlu 39	Plastiċi u oġġetti tal-plastik
3901 sa 3914	– Forom primarji
ex 6809	Artikoli tal-[ibs jew ta' komponimenti bażati fuq [ibs (għudiet, folji, pavri, madum u oġġetti simili).

L-ANNESS II

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Koeffiċjenti
1	2	3
ex 1702 90 71	*Caramels* li fihom 50 % jew aktar bil-piż *sucrose* fil-materja niexfa	1,00 (1)
ex 1702 90 99	Zokkor invers	1,00 (1)
2905	Akolħoli aċikliċi u d-derivattivi tagħhom ħaloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati:	
	– Alkoħli oħrajn polidriċi:	
2905 43 00	– – Mannitol	1,06
2905 44	– – D-glucitol (sorbitol):	
	– – – F' taħlita ilmija:	
2905 44 11	– – – – Li fiha 2 % jew inqas bil-piż D-mannitol, maħduma fuq il-kontenuta ta' D-glucitol	0,74 (2)
2905 44 19	– – – – Oħrajn	0,74 (2)
	– – – Oħrajn:	
2905 44 91	– – – – Li fiha 2 % jew inqas bil-piż D-mannitol, maħduma fuq il-kontenuta ta' D-glucitol	1,06
2905 44 99	– – – – Oħrajn	1,06
3824 60	– Sorbitol minbarra tas-subintestatura 2905 44	
	– – F' taħlita ilmija:	
3824 60 11	– – – Li fiha 2 % jew inqas bil-piż D-mannitol, maħduma fuq il-kontenuta ta' D-glucitol	0,74 (2)
3824 60 19	– – – Oħrajn	0,74 (2)
	– – Oħrajn:	
3824 60 91	Li fiha 2 % jew inqas bil-piż D-mannitol, maħduma fuq il-kontenuta ta' D-glucitol	1,06
3824 60 99	– – – Oħrajn	1,06

(1) Ir-rifu\jonijiet tal-produzzjoni ddeterminati skond dan il-koeffiċjenti għandhom jinftiehmu li jinħadmu għal zokkor invers jew, kif xieraq, għal *caramel*li jkollu rispettivament kontenut ta' materja niexfa bil-piż ta' 100 %.
Għal zokkor invers jew *caramels* rispettivament b' kontenut niexef differenti, ir-rifu\jonijiet jinħadmu għal kull 100 kilogramma ta' prodott intermedju bl-applikazzjoni ta' din il-formula:

(a) × 1,00 × (b)

(2) Ir-rifu\jonijiet tal-produzzjoni ddeterminati skond dan il-koeffiċjenti għandhom jinftiehmu li jinħadmu għal taħlita ilmija ta' D-glucitol (sorbitol) b'kontenut ta' materja niexfa bil-piż ta' 70 %. Għal taħlitiet ilmin ta' D-glucitol (sorbitol) b' kontenut niexef differenti, ir-rifu\jonijiet jinħadmu għal kull 100 kilogramma ta' prodott intermedju bl-applikazzjoni ta' din il-formula:

(a) × 0,74(b)/0,70

Fejn
(a) = rifu\joni tal-produzzjoni in kwistjoni għaz-zokkor l-abjad
(b) = kontenut ta' materja niexfa fil-prodott, bil % tal-piż